

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.4.2008
KUMM(2008) 230 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 754/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-President
Lukashenko u ċerti uffiċjali tal-Belarus**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006, jimponi ċerti miżuri restrittivi fil-konfront tal-Belarus skond il-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK, kif emendata bil-Pożizzjoni Komuni 2006/362/CFSP.
- (2) Huwa xieraq li r-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi armonizzat ma' l-iżviluppi riċenti fil-prattika tas-sanzjonijiet fir-rigward ta' l-identifikazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, ir-responsabbiltà għal ċertu ksur u n-notifika għall-pubbliku dwar il-modalitajiet għaż-żamma ta' ċerti listi.
- (3) Biex titħares iċ-ċarezza, il-Kummissjoni qed tippromponi li terġa' tippubblika b'mod sħiħ dawk l-Artikoli kollha li għalihom jeħtieġ li jsiru emendi.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 754/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-President Lukashenko u ċerti uffiċjali tal-Belarus

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti uffiċjali tal-Belarus¹,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-President Lukashenko u ċerti uffiċjali tal-Belarus² impona miżuri restrittivi skond il-Pożizzjoni Komuni 2006/276/PESK.
- (2) Huwa xieraq li r-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi armonizzat ma' l-iżviluppi riċenti fil-prattika tas-sanzjonijiet fejn tidħol l-identifikazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, ir-responsabbiltà għal ċertu ksur u n-notifika għall-pubbliku dwar il-modalitajiet għaż-żamma ta' ċerti listi. Biex titħares iċ-ċarezza, dawk l-Artikoli li għalihom għandhom isiru emendi għandhom jerġgħu jiġu ppubblikati sħaħ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

- (1) Jiddaħħal l-Artikolu 2a li ġej:

¹ ĠU L 101.11.4.2006, p. 5. Il-Pożizzjoni Komuni kif emendata l-aħħar mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/.../PESK (ĠU L ...,...) 4.2008, p. ...).

² ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

“Artikolu 2a

Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(2) m'għandha tagħti lok għall-ebda tip ta' obligazzjoni min-naħa ta' persuni naturali jew ġuridiċi jew entitajiet ikkonċernati, jekk dawn ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda raġuni valida li jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom ikunu jiksru din il-projbizzjoni.”

(2) L-Artikolu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 3

1. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif indikati fil-websajts elenkati fl-Anness II, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt daww il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:
 - (a) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi ta' persuni elenkati fl-Anness I u l-membri tal-familja dipendenti fuqhom, inkluż h̄las għal ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, poloz ta' l-assigurazzjoni, u l-h̄lasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;
 - (b) maħsuba esklussivament għall-h̄las ta' onorarji professjonali raġonevoli u rimborż ta' spejjeż li huma konnessi mal-ġħoti ta' servizzi legali;
 - (c) maħsuba esklussivament għal h̄las ta' onorarji jew h̄lasijiet għal servizzi ta' rutina fiż-żamma jew il-manteniment ta' fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi; jew
 - (d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, kemm-il darba l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni r-raġunijiet li fuqhom ikun iqis li awtorizzazzjoni speċifika għandha tingħata, għall-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.
2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafu 1."
- (3) L-Artikolu 5 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 5

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli rigward ir-rappurtaġġ, il-konfidenzjalità u s-segretezza professjonali, persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi għandhom:
 - (a) jipprovdu immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti li jidhru fil-websajts elenkati fl-Anness II fil-pajjiż fejn huma residenti jew ibbażati, b'kull informazzjoni li tiffaċilita l-osservanza ta' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati skond l-Artikolu 2, u għandhom jgħaddu din l-informazzjoni, direttament jew indirettament, lill-Kummissjoni; kif ukoll

- (b) jikkooperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti li jidhru fil-websajts elenkati fl-Anness II fi kwalunkwe verifika ta' dan it-tagħrif.
- 2. Kull informazzjoni mogħtija jew milqugħa skond dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-għanijiet li għalihom tkun ingħatat jew intlaqgħat.”
- (4) L-Artikolu 8 huwa ssostitwit b'dan li ġej:
- “1. Il-Kummissjoni tingħata l-poter li:
 - (a) temenda l-Anness I skond deċiżjonijiet meħuda fir-rigward ta' l-Anness IV għall-Posizzjoni Komuni 2006/276/PESK; kif ukoll
 - (b) temenda l-Anness II fuq il-bażi tat-tagħrif fornit mil-Istati Membri.
- 2. Għandu jiġi ppubblikat avviż dwar il-modalitajiet għall-preżentazzjoni ta' informazzjoni b'rabta ma' l-Anness I.”
- (5) Għandu jiġi inserit l-Artikolu 9a li ġej:

“Artikolu 9a

- 1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti msemija fl-Artikolu 3, 4(2) u 5, u jidentifikawhom fis-siti ta' l-internet kif elenkati fl-Anness.
- 2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti tagħhom, inkluż fejn u kif jikkuntattjawhom, sat-30 ta' Mejju 2008 u għandhom jgħarrfuha b'kull emenda sussegwenti.”
- (6) L-Anness II huwa sostitwit mit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

“ANNESS II

Il-websajts li jipprovdu tagħrif dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 3, 4(2) u 5 u l-indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea

(għandha timtela mill-Istati Membri)

IL-BELĠJU

IL-BULGARIJA

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

ID-DANIMARKA

IL-ĠERMANJA

L-ESTONJA

IL-GREĊJA

SPANJA

FRANZA

L-IRLANDA

L-ITALJA

ĊIPRU

IL-LATVJA

IL-LITWANJA

IL-LUSSEMBURGU

L-UNGERIJA

MALTA

L-OLANDA

L-AWSTRIJA

IL-POLONJA

IL-PORTUGALL

IR-RUMANIJA

IS-SLOVENJA

IS-SLOVAKKJA

IL-FINLANDJA

L-IŻVEZJA

IR-RENJU UNIT

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

European Commission

DĠ Relazzjonijiet Esterni

Direttorat A. Pjattaforma ta' Kriżi u Koordinazzjoni tal-Politika fir-rigward tal-Politika Estera
u ta' Sigurtà Komuni

Unità A2. Ġestjoni tal-Kriżijiet u Bini tal-Paċi

CHAR 12/106

B-1049 Brussell (Il-Belġju)

E-mail: relex-sanctions@ec.europa.eu

Tel. (322) 295 55 85

Nru tal-Fax (32 2) 299 08 73”